# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2044

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2651/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Raymond sive Ray Falzon**

**vs**

**Security Services Malta Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegati li hi ngusta.**

Illum 25 ta' Jannar 2011

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrent Raymond Falzon fir-Registru tal-Qorti fis-6 ta' Jannar 2009, u ffirmat mill-avukat Philip Galea Farrugia

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors li bih ir-rikorrent fetah dan il-kaz huwa jghid li hu kien gie impjegat full-time mas-socjeta` intimata bhala gwardjan tas-sigurta`, b'kuntratt ta' impieg indefinit mis-6 ta' Awwissu 2007; li tul l-impieg tieghu, huwa qeda' dmiru b'mod doveruz u responsabbli u ghalkemm verament kien hemm numru zghir ta' *lmenti f*il-konfront tieghu, meta dawn l-ilmenti gew investigati mis-socjeta` intimata nstab li huwa ma kellux tort tant li sahansitra l-istess socjeta` irtitrat xi twissijiet li kienet tatu; li fil-11 ta' Novembru 2008 huwa rcieva ittra mis-socjeta` intimata fejn saret referenza ghal ittra ohra tal-kumpanija tal-20 t'Ottubru 2008 u numru ta' lmenti li saru kontrih fil-passat, fejn l-ufficjali tal-kumpanija isostnu li r-rikorrent naqas milli jwiegeb din l-ittra, u li ghalhekk l-impieg tieghu gie terminat. Ir-rikorrent jghid li minkejja li l-kumpanija tallega

li din l-ittra tal-20 ta' Ottubru 2008 intbaghtet b'posta registrata, huwa qatt ma rceviha u kien ghalhekk li huwa ma wegibhiex. In oltre jsostni li l-ilmenti hemm imsemmij kienu gia gew investigati mill-istes socjeta` intimata u nstab li r-rikorrent ma kellux htija fl-akkadut, tant li gew irtirati sahansitra twissijiet li kienu nghatawlu; ghalhekk ma jezistux ragunijiet tajba u biz-zejjed skond il-ligi li setghu iwasslu sabiex l-impieg tar-rikorrent jigi terminat.
Ir-rikorrent talab lit-Tribunal jisma dan il-kaz tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu u jaghti provvediment skond il-ligi, inkluz li jikkundanna lis-socjeta` intimata thallsu kumpens li jidhirlu xieraq u adegwat fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz, ir-Rikorrent barra li annetta kopja ta' l-ittra tal-11 ta' Novembru 2008 iffirmata minn Joe Psaila u Carmel J. Farrugia ghall-kumpanija, zied ma' dak li kien qal qabel li minkejja li s-socjeta` intimata baghtet ittra ta' tkeccija fil-11 ta' Novembru 2008, l-istess socjeta` fl-14 ta' Novembru baghtitlu email bir-roster il-gdid u bid-dettalji ta' fejn huwa kellu jirrapporta xoghol, u meta huwa mar biex jaghmel ix-xoghol indikat f'dik l-email huwa ma thalliex minhabba li kien diga' tkecca. Ir-rikorrenti jilmenta li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ingusta, abbuziva u bi ksur car tal-ligi, u talab rimedju, possibbilmjent li jerga' jiddahhal fl-impieg li kellu, kif ukoll li jithallas kumpens xieraq u adegwat ghaz-zmien li jkun dam imkecci.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha, is-socjeta` intimata rrispondiet bis-segwenti:-
1. Li Raymond Falzon beda jahdem mas-socjeta` Security Services Malta Limited fis-6 t'Awwissu 2007. Fil-31 ta' Lulju 2007 inghata ittra ta' Advice of Employment li fiha hemm referenza ghall-kondizzjonijet tax-xoghol tal-istess impjegat. Fl-istess gurnata Falzon ikkonferma illi inghata tahrig fl-iStanding Orders and Procedures tas-Socjeta` u li inghata kopja ta' dokument jew ahjar *manual* fejn dawn huma lkoll elenkati. Il-kariga tar-rikorrent kienet ta' Security Guard. Li l-kondizzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrent kienu jinkludu l-obbligu li dan jahdem bix-*shifts* u fil-lokalitajiet skond kif kienet tirrikjedi l-attivita` tas-socjeta` minn zmien ghal zmien. Falzon kien konxju ta' dan u fil-fatt fl-ittra ta' *Advice of Employment* huwa ffirma illi jaccetta li jahdem bix-shift u li ma

jbiddilx id-duties li jigu assenjati lilu minghajr "valid emergency reasons". Li wara xi zmien, Falzon beda juri certa attitudni negattiva lejn ix-xoghol fejn hu kien jippretendi li jkollu certi drittijiet u li jkollu kontroll fuq ix-shifts. Falzon ippretenda li jahdem certi sites biss u li hu ma jkunx assenjat sites li mhumiex konvenjenti ghalih. In fatti, kien jghid li jekk hu ma jinghatax ix-shift li ried hu, kien ser jitlaq mix-xoghol. Talab ukoll li x-*shift* tieghu jinbidel sabiex ma jahdimx kull nhar ta' Hamis peress li ried jiehu sehem f'xi programm televiziv, u talab ukoll illi ghal xi zmien ("couple of months") jahdem jumejn u zewgt iljieli biss fil-gimgha sabiex jattendi kors mal-MCAST. Ir-rikorrent dahal f'diversi argumenti mas-superjuri tieghu u l-attitudni ta' Falzon in generali kienet wahda negattiva hafna u xi drabi sahansitra aggressiv. Kien jippretendi li s-socjeta` intimata tbiddel il-proceduri taghha sabiex takkomodah.

Tghid ukoll li l-attitudni generali tar-rikorrent lejn ix-xoghol kienet tinkludi imgieba kontra l-proceduri u regolamenti tas-Socjeta` intimata; tant li fit-2 t'April 2008 huwa qabad u telaq minn fuq ix-xoghol ta' l-inqas nofs siegha kmieni minnghajr ma avvza; fit-12 ta' Mejju 2008 klient kien irrappurtalhom li r-rikorrent qabad jghajjat u jidghi f'wiccu, u allura ma riedux aktar; fil-lejl ta' bejn il-24 u l-25 ta' Gunju 2008 fil-waqt li kien stazzjonat mal-Garden View naqas li jaghmel xi *punches* li juru li huwa jkun ghassa kif suppost; fil-15 ta' Ottubru 2008 is-socjeta` intimata giet infurmata minn certu Joe Zammit tal-klienta Le Meridien li r-rikorrent kien agixxa b'mod arroganti u dik il-kumpanija ma riditux aktar *duty* maghha.

Tghid li meta saret taf b'dan ir-rikorrent kien fuq sick-leave u baghtitlu ittra skond il-Ftehim Kollettiv, b'posta registrata, u peress li anqas biss wegibha l-impieg tieghu gie terminat. Tghid li tat hafna opportunitajiet lir-rikorrent biex jirranga imgiebtu, izda ghal xejn u kellu jitkecca.

Il-kumpanija intimata esebiet ukoll numru ta' dokumenti li jissostanzjaw l-ilment imsemmija fl-i*Statement of Case* taghha.

PRELIMINARI

Fl-ewwel lok jinghad li ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-kaz ma setax jigi konkjuz fi zmien xahar peress li z-zewg partijiet firxu x-xhieda taghhom fuq numru ta' seduti.

Fil-waqt li r-rikorent issolleva l-ilment li huwa ma giex notifikat bl-ilment ta' kontrih datat 20 t'Ottubru 2008, u allura ma kellu xejn x'jirrispondi, il-kumpanija intimata spjegat li f'dawk il-granet ir-rikorrent kien bis-*sick-leave* u allura l-ittra intbaghtitlu b'posta registrata li giet imqassma; esebiet ukoll kopja tad-dokument postali relattiv. In rigward ta' dan giet esebita kopja tal-Ftehim Kollettiv li jirrikjedi li l-ilment isir bil-miktub fi zmien 7 ijiem minn menta gie mgharraf il-management, u li l-impjegat jappella fi zmien 7 ijiem ohra (klawsola 34 tal-Ftehim Kollettiv). Jinghad ukoll li f'kazijiet ta' dixxiplina m'ghandux jinghata kont ta' incidenti li jkunu sehhu aktar minn sena qabel.

Wara li xhedu ufficjali tal-posta, ir-rikorrent u l-genituri tieghu dwar jekk tqassmitx l-ittra ta' l-20 t'Ottubru 2008, il-partijiet qablu li din il-vertenza tigi deciza mad-decizjoni finali.

IL-PROVI

Dwar il-punt preliminari tan-notifika ta' l-ittra ta' l-20 ta' Ottubru 2008, il-pustier **Kevin Bajada** xhed li jaf li r-rikorrent jghix ma' persuni ohra li minn zmien ghal zmien ircevew ittri registrati, imma ma ftakarx fil-kaz in kwistjoni min kien iffirmalu ghall-ittra tas-socjeta` intimata. Omm ir-rikorrent **Conni Falzon** ma ftakritx ircevietx l-ittra partikolari imma sahqet li l-firma indikata fuq id-dokument postali ma kinitx taghha. Anke missier ir-rikorrent **Francesco Falzon** jikkonferma li l-firma ma kinitx tieghu. Ir-rikorrent xhed ukoll f'dan ir-rigward u jghid li hu dejjem jiffirma bhal fuq l-identity card, fejn ismu "Raymond" qieghed miktub shih. Imbaghad meta kkonfrontat b'numru ta'

firem ohra fejn huwa juza l-isem "Ray" huwa jispjega li sa 18-il sena kien jiffirma ismu shih u sussegwentment beda juza l-isem imqassar "Ray".

Fuq il-mertu xhed **Carmel Joseph Farrugia** l-General Manager tas-socjeta` intimata li spjega x'inhu mistenni minn gwardjan, x'jistennew il-klienti tal-kumpanija meta jitolbu servizz ta' sigurta`. Jghid li anke meta l-guards ikollhom problemi mal-klienti, tali problema tkun trid tigi trattata b'kawtela ghaliex hemm kompetizzjoni kbira f'dan is-settur. Jghid li l-klienti gieli jmorru jiccekkjaw lill-guards huma stess, u gieli jitolbu sistema aktar sikura, f'liema kaz il-guard ikollu gadget imsejjah *data-torch* li min hin ghal hin ikun irid imissu ma' *gadgets* ohra stallati f'partijiet diversi tal-post mghasses biex juru li l-*guard* qed jaghmel ir-ronda. Meta guard ma jaghmilx *punch* tkun indikazzjoni li l-gwardjan raqad. Xhed **John Cini** li jahdem ir-*roster* tal-kumpanija intimata: jghid li fil-waqt li x-*shift* huwa *day-day-off-night-night-off*, gieli kellu talbiet biex ibiddel ix-*shift*, u dan kemm-il darba ghamlu mar-rikorrent li f'xahrejn partikolari kien talbu ma jaghmilx '*nights*' nhar ta' Gimgha. Jichad li kien hemm okkazjonijiet fejn ir-rikorrent spicca jahdem *day-day-night-night* bla *off*. Jghid li, sa fejn seta', kien jakkomodah lir-rikorrent, imma t-talbiet spissi tieghu ghal tibdil kienu qed jikkawzawlu problemi.

L-Operations supervisor **Charles Micallef** jixhed li r-rikorrent kien spiss jasal ghax-xoghol tard, partikolarment meta ghamel zmien konsiderevoli bla karozza. Meta jigu ingaggati *security guards* dejjem jigu avvzati li kull min japplika irid ikollu t-trasport tieghu. Jghid li f'incident partikolari l-Med Bank ilmentaw li r-rikorrent kellu argument jahraq mal-manager tal-istess Med Bank, u s-CCTV, ghalkemm minghajr audio, kien juri lir-rikorrent agitat bhal f'argument kbir. Jghid li f'jum tax-xita r-rikorrent pogga l-umbrella mxarrba fuq is-siggu tal-manager, li ha ghalih; in kontroezami jaccetta li fuq dan l-incident ir-rikorrent inghata l-beneficcju tad-dubju. Jikkonferma li minhabba talbiet kontinwi ghal tibdil fir-roster, meta dan ix-xhud kien imissu jaghmel ir-roster kien ikollu diffikultajiet jirranga. Xhed **Malcolm Attard** li jahdem fil-*control-room*, u pprezenta kopja tal-log-book tieghu tal-24 t'Ottubru 2008 fejn

nizzel li r-rikorrent qallu li jekk ser jibqa' jinghata r-roster li inghata kien ser jitlaq mix-xoghol, u dan ghaliex m'ghogbuhx is-sites li inghata ghall-gimgha li kienet gejja; jghid li gieli gergru l-guards, imma l-parti l-kbira ma jilmentawx. Jghid li r-rikorrent kien hedded li jitlaq mix-xoghol f'okkazjoni ohra meta huwa gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt li kien wasal ghax-xoghol 5 minuti tard.

Xhed l-operations manager **Joe Psaila** li esebixxa numru kbir ta' emails li jirrigwardaw lir-rikorrent. Jghid li r-rikorrent mill-bidu beda johloq problemi lill-kumpanija ghaliex kellu impenji ohrajn li r-rikorrent kien qed itihom priorita`. Fil-fatt fil-waqt li r-rikorrent gie impjegat f'Awwissu 2007, f'Settembru 2007 kien diga' qed jitlob li jaghmel xahrejn ma jahdimx il-Hamis fil-ghaxija; f'Dicembru talab 4 ijiem off, f'Jannar 2008 talab li minn Frar sa April 2008 ma jahdimx nhar ta' Gimgha fil-ghaxija; f'Jannar 2008 talab li f'certi granet jispicca kmieni; fi Frar 2008 talab li ma jahdimx il-Hdud u talab li jahdem 40 siegha fil-gimgha flok ix-shift approvat mill-Collective Agreement ta' *Day-Day-Off-Night-Night-Rest*, b'kull *shift* ikun ta' 12-il siegha. Imbaghad f'April 2008 beda jirrifjuta li jmur certi *sites* il-boghod ghax wara accident kien spicca bla karozza – baqa' minghajr karozza sa ma gie tterminat l-impieg f' Novembru 2008. Skond emails esebiti, f'Settembru 2008 ir-rikorrent rega' talab biex fix-xhur sussegwenti jibda jahdem 4 shifts fil-gimgha peress li kien ser jibda kors fl-MCAST, u nhar ta' Hamis ma jahdimx fil-ghaxija.
Imbaghad dan ix-xhud jghid li f'April 2008 ir-rikorrent kien talab gurnata *off* minhabba tieg, u wara li gie infurmat li l-*leave* ma giex approvat, huwa hadha *sick-leave*: pruvaw jikkuntattjawh id-dar izda ma sabuhx. Imbaghad ir-rikorrent beda jilmenta li qed jinghata hafna postijiet godda, u dan ma kienx accettabbli ghalih ghaliex kien dera bil-postijiet li gia' hadem fihom. L-emails prodotti jindikaw li r-rikorrent ilmenta li meta jtuh postijiet godda jhoss li tonqoslu l-motivazzjoni ghax-xoghol. Dan ix-xhud isemmi wkoll incident ta' l-1 t'April 2008 fejn ir-rikorrent telaq minn fuq il-post tax-xoghol 32 minuta qabel il-hin bl-iskuza li kellu d-deni: din ir-raguni ma gietx accettata u nghatalu *warning*. Imbaghad f'incident tat-12 ta' Mejju 2008 il-Med Bank ilmentaw li r-rikorrent kien aggressiv mas-*security officer* Alfred Grech; il-kumpanija

intimata rat *footage* ta' *cctv* li kienet tindika lir-rikorrent jargumenta b'mod aggressiv, u hargitlu warning iehor, izda imbaghad gie irtirat peress li riedu jtuh l-beneficcju tad-dubju. Imbaghad kien hemm incident iehor lejn l-ahhar ta' Gunju 2008 fejn ir-rikorrent naqas li jaghmel certi *punches* meta kien ghassa mal-Garden View; ir-rikorrent irrisponda li huwa ghamel xogholu kollu u li allura setgha kien hemm l-apparat difettuz, izda l-kumpanija intimata sabet li l-apparat tal-*punching* kien tajjeb u l-*guards* ta' qabel u ta' wara kellhom il-*punches* taghhom registrati b'mod normali. Ghalhekk inhareg *warning* iehor. Imbaghad fil-15 t'Ottubru 2008 l-Operations Manager talab lill-kumpanija intimata tnehhi lir-rikorrent ghaliex kien agixxa aggressiv mieghu. Il-kumpanija harget ittra fuq dan l-incidnent, izda r-rikorrent ma rrispondihiex. Fil-11 ta' Novembru 2008 ittiehdet id-decizjoni li r-rikorrent jitkecca. In kontroezami dan ix-xhud ikkonferma li meta r-rikorrent kien joggezzjona li jmur jahdem certi postijiet, meta kienu jisfurzawh fl-ahhar kien jaccetta u jahdimhom. Isemmi wkoll li r-rikorrent kien beda jahdem fil-car-park ta' l-HSBC izda n-nies tal-bank gibdulu l-attenzjoni (b'mod verbali) li kien liebes "scruffy" u ddecieda li ma jibghatux hemm izjed.

Xhed **Alfred Grech** mill-Mediterranean Bank dwar l-incident fejn ir-rikorrent pogga l-umbrella mxarrba fuq is-siggu tieghu u ghax ilmentalu r-rikorrent sar aggressiv. Jghid li kienu jigu hafna guards ohra mill-istess kumpanija, u kollha kienu mdejqin jahdmu hemm ghax il-kamra fejn joqoghdu zghira u b'hafna shana tal-computers. Jghid li kellu argumenti ma' security guards ohra.

Xhed **Joe Zammit** responsabbli mis-security tal-lukanda Le Meridien li qal li gieli kellu argumenti mar-rikorrent, izda dawn kienu jkunu fuq livell accettabbli. Madankollu fil-15 ta' Ottubru 2008 kien ilmenta mar-rikorrent li ma riedux jibqa' jaqdi dmirijiet bl-islipper; ir-rikorrent ma qabilx u beda jghajjat u jargumenta mieghu. Ix-xhud jghid li fuq din l-attitudni lir-rikorrent ma riedux jahdem iktar mieghu. In kontroezami dan ix-xhud qal li qabel dan l-argument kien hemm argument iehor fuq xi monitors li kienu bil-hsara matul il-lejl, u r-rikorrent ma lloggjax din il-problema fuq il-log-book ta' l-okkorrenzi.

Ix-xhud jikkonferma li ghalkemm dan in-nuqqas tar-rikorrent kien ir-raguni ta' l-argument, l-iktar li dejqu kien l-ghajjat li beda jghajjat mieghu quddiem in-nies.

Xhed imbaghad **ir-rikorrent** fejn jghid li l-ewwel ilment tieghu kien li fil-waqt li suppost kellu jahdem roster ta' *Day-Day-Off-Night-Night-Rest*, fil-fatt kien qed jahdem hafna hinijiet imgerfxin li jtellghulu 6 shifts fil-gimgha b'medja ta' 66 siegha xoghol fil-gimgha. Ipprezenta anke xi rosters li kienu juru dan. Jghid li meta kien jilmenta fuq din il-haga Charles Micallef kien ikellmu hazin u jidghi bil-Madonna ghax skond hu l-haddiema kellhom jaghmlu x-xoghol li kellu bzonn hu. Dan ix-xhud esebixxa rosters ta' Novembru 2008 fejn huwa kien indikat imur b'xoghol ma' l-HSBC, u dan in kuntrast ma' dak li xhed Joe Psaila li l-HSBC ma riduhx. Imbaghad ilment iehor kien li l-kumpanija tibghatu fuq *sites* godda minghajr ma ttih training ghal dak il-post. Dwar il-Med Bank jghid li barra li l-post fejn joqghod kien zghir, jghid li kien jaghmel 13-il siegha xoghol bla ebda waqfien. Imbaghad spjega li certi *punches* tal-Garden View ma sarux ghax kien hemm *Code* nieqes, haga li accetta anke Joe Psaila. Jispjega li fl-14 t'Awwissu 2008 inhariglu l-warning iehor ghax ma kienx ghamel il-punches ta' terminal 371 tal-Garden View, izda wara certi verifiki cempillu Malcolm Attard li tah ragun fuq il-*punches* u qallu li l-*warning* relattiv seta' jqattghu. It-Tribunal jinnota li l-kumpanija intimata f'ebda stadju ma ressqet dan l-incident bhala raguni ghat-tkeccija. Imbaghad fis-17 ta' Novembru 2008 tawh l-ittra tat-tkeccija li kienet taghmel referenza ghal ittra tal-20 t'Ottubru 2008, li huwa qatt ma rcieva. Jghid li huwa pprova jkellimhom biex jara ezattament x'gara izda ma riedux ikellmuh. Imbaghad wara xi sena huwa sab impieg iehor.

Rega' xhed **Francis Falzon**, missier ir-rikorrent fejn semma incident fejn ibnu kien qed ikellem lil xi hadd mill-kumpanija, u dik il-persuna l-ohra bdiet tghajjat ghajjat kbir tant li kien jinstema' mit-telefon 'il boghod. Huwa akkumpanja lill-ibnu sal-kumpanija, izda hareg Stephen Piscopo li urihom hafna rispett u li qallu li ma kellux jigi trattat hekk. Imbaghad ir-rikorrent xhed

mill-gdid u spjega li t-telefonata kienet dwar tibdil tar-roster ma' Joe Cini, izda intervjena Charles Micallef li beda jghajjat, jidghi u qataghlu l-linja.

KONSIDERAZZJONJIET

It-Tribunal jehtieglu fl-ewwel lok jiddeciedi jekk il-kumpanija intimata imxietx mal-Ftehim Kollettiv fit-tkeccija tar-rikorrent. Il-kumpanija intimata imxiet ezatt mal-Ftehim Kollettiv kull darba li harget warning, u anke fl-ahhar incident tal-Le Meridien imxiet bl-istess procedura, u t-Tribunal jemmen li din imxiet sew. Mill-banda l-ohra r-rikorrent jilmenta li l-ittra ta' l-20 t'Ottubru 2008 ma rcevihiex u l-firma ghand tal-posta la kienet tieghu u l-anqas tal-familjari tieghu. It-Tribunal jinnota li r-rikorrent dejjem irrisponda ghal kull ilment li sarlu mill-kumpanija, u xi jiem wara l-20 t'Ottubru 2008 kiteb emails lill-kumpanija in rigward ta' l-impieg tieghu. Dan it-Tribunal ihoss li jista' jaghti l-kaz li l-ittra tqassmet lil xi hadd bi zball, imma xorta jibqa' li l-kumpanija intimata ma tahtix ghal dan il-malintiz, u mxiet sew.

It-Tribunal ha in konsiderazzjoni li fuq naha l-kumpanija intimata kellha ragun tilmenta kemm mir-rikjesti kontinwi da' parti tar-rikorrent ghal tibdil fir-roster, kif ukoll mil-kazijiet ta' zewg *warning* precedenti fejn darba telaq kmieni minn fuq ix-xoghol taht il-pretiz li kien ma jiflahx, u ta' meta qabez xi *punches* tal-Garden View (anke jekk wahda minnhom kienet bi hsara). Ir-rikjesti ghal tibdil fir-roster seta' holoq problemi bir-riskju li gwardjani ohrajn jaghmlu talbiet simili; li telaq kmieni minn fuq ix-xoghol ghax ma jiflahx ma taghmilx sens ghax ghal 32 minuta ir-rikorent espona lill-lukanda ghal riskji mhux mixtieqa; u li certi *punches* inqabzu baqghet bla spjegazzjoni. Ma' dawn wiehed jista' jzid ukoll is-sitwazzjoni fejn ir-rikorrent spicca bla trasport meta dan kien mistenni li jkollu trasport tieghu biex imur fuq kwalunkwe sit bla problemi: minghajr trasport wahda mill-kwalifiki ghal biex jahdem kienet spiccatlu. In oltre r-rikjesti tar-rikorrent biex ma jinghatax *sites* godda ma kienux gustifikati. Mill-banda l-ohra r-rikorrent kellu ragun jilmenta minn

*shifts* li jakkumulaw sieghat twal ta' xoghol fil-gimgha li addirittura jammontaw ghal trattament inuman. Daqstant iehor kien trattament inuman li r-rikorrent gie mitkellem b'ghajjat u dagha, kif ukoll il-mod ta' kif tkecca mill-impieg fejn hadd ma ried ikellmu. Dawn in-nuqqasijiet da parti tal-kumpanija intimata taw lok biex ir-rikorrent ma jkunx kuntent fuq il-post tax-xoghol.

Dwar l-ahhar incident li fuqu saret it-tkeccija, dan it-Tribunal jinnota li r-rapprezentant ta' Le Meridien, Joe Zammit, ingieb biex jispjega fuq xiex kien l-incident kif inghad aktar 'il fuq, u sussegwentment xhed ir-rikorrent ghal darba darbtejn, izda dan ma cahad xejn minn dak li qal Joe Zammit. Dan it-Tribunal ihoss li r-rikorrent ma kellu ebda difiza fuq dak l-incident u ghazel li ma jghid xejn: kellu ragun l-impjegat ta' Le Meridien jilmenta kemm dwar l-uzu ta' l-islipper, kemm dwar in-nuqqas ta' logging tal-monitors maqtughin, kif ukoll dwar li gie trattat b'ghajjat, din id-darba minn naha tar-rikorrent. Dan kien incident li certament immerita warning iehor, imma meta tqis li diga' kien hemm warnings ohra precedenti, dan it-Tribunal iqis li kien hemm ragunijiet biz-zejjed biex ir-rikorrent jitkecca.

Ghalkemm kif inghad, il-kumpanija intimata kienet kompletament gustifikata tkecci lir-rikorrent, dan it-Tribunal ihoss li ghandu jissanzjona t-trattament inuman li bih tkecca r-rikorrent, b'dan li ser jigi ordna hlas ta' kumpens strettament nominali.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal jikkonkludi li l-kumpanija intimata kienet gustifikata tkecci lir-rikorrent mill-impieg tieghu; izda in sanzjoni tal-mod kif din trattat lir-rikorrent dan it-Tribunal jordna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent kumpens nominali ta' tliet mitt ewro

(€300) li ghandu jithallas sa erbghin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman